MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1556/1999/1

**Paul u Antonio kunjugi Micallef**

**vs**

**Francis u Rita konjugi Grima**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi fuq inkarigu tal-konvenut, l-attur Paul Micallef ghamel xoghol fil-fond tal-konvenuti konsistenti f'tikhil, tqeghid ta' madum, kisi, tarag tal-konkos, u xoghol iehor konness;

Illi meta l-atturi talbu l-hlas tax-xogholijiet ezegwiti l-konvenuti ddikjaraw li ma kienux lesti jhallsu l-ammont reklamat:

Illi konsegwentement ghal dan gie deciz illi x-xogholijiet jitkejlu minn perit, kif effettivament sar minn perit inkarigat mill-istanti:

Illi ghal darba ohra l-konvenuti ma riedux ihallsu l-ammont hekk stabbilit mill-arkitett u invece l-konvenuti nkarigaw perit huma li hareg kont ferm inferjuri minn dak raggunt mill-arkitett tal-istanti;

Illi nonostante li l-konvenuti gew interpellanti jhallsu l-ammont mitlub huma baqghu inadempjenti:

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:-

tiddeciedi skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
konsegwentment tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u seba' u ghoxrin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm1027.25) jew somma verjuri, akbar jew anqas, prezz tal-appalt ezegwit mill-atturi;

Bl-interessi u bl-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1999 u tal-ittri legali tal-20 ta' Mejju 1999 u tas-27 ta' Mejju 1999 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizjoni;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-ammont kif mitlub mill-atturi huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur tax-xoghol maghmul mill-attur;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont kif stabbilit mill-perit inkarigat mill-konvenuti gie depozitat taht l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti kwindi kull kap ta' spejjex ghandu jigi unikament sopportat mill-atturi;

Rat id-dikjarzzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Marzu 2000 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Jaccarini u dana bil-fakoltaijiet kollha soliti;

`Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :-

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li l-attur, fuq l-inkarigu tal-konvenuti, ghamel xi xoghol ta' tikhil, tqeghid ta' madum, kisi, tarag tal-konkos, u xoghol iehor konness fil-fond tal-istess konvenuti gewwa Had Dingli. Jippremettu ukoll li meta gie presentat kont lill-konvenuti ghal dan ix-xoghol, dawn tal-ahhar ma qabblux mal-istess kont u ghalhekk l-atturi inkarigaw perit biex jghamel il-kejl u johrog kont. Il-konvenuti rrifjutaw ukoll li jhallsu l-ammont stabbilit mill-

imsemmi perit. F'dan l-istadju l-konvenuti stess qabdu perit iehor biex jghamel valutazzjoni tax-xoghol in kwestjoni. Dan l-ahhar perit hareg kont inferjuri fil-konfront tal-istima li saret mill-perit inkarigat mill-atturi. Il-konvenuti komplew jirrifjutaw li jhallsu l-ammont likwidat mill-ewwel perit u ghalhekk saret din il-kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jgu kundannati jhallsu l-ammont ta' elf u seba' u ghoxrin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm1027.25) cioe' l-ammont likwidat mill-perit inkarigat mill-istess atturi jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita mill-Qorti;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li ammont mitlub huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur tax-xoghol maghmul mill-attur. Inoltre l-ammont stabbilit mill-perit inkarigat mill-konvenuti gie depozitat taht l-awtorita ta' din il-Qorti u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhom ibghatu l-ebda spejjez;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-abbli peir tekniku u taqbel mal-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha;

Jirrizulta li l-atturi kienu inkarigaw lill-Perit Adrian Mamo li hareg kont tax-xoghol biss u cioe' eskluz il-materjal u fejn ukoll ha in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur kien jigi mejjun. Il-kont finali tal-imsemmi perit inkarigat mill-atturi kien ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni u cioe' ghall-ammont ta' Lm1027.25. Da parti taghhom il-konvenuti kienu inkarigaw lill-AIC Paul Borg li ukoll ghamel valutazzjoni tax-xoghol in kwestjoni u liema valutazzjoni kienet ferm anqas minn dik mghamula mill-perit inkarigat mill-atturi. Il-kont mahrug mill-AIC Paul Borg kien jammonta ghas-somma ta' Lm625. L-atturi ma accettawx is-somma stabbilita mill-Perit Borg u ghalhekk il-konvenuti ddepositaw l-ammont ta' Lm550 taht l-awtorita' ta din il-Qorti;.

Jirrizulta li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar prezzijiet ghar-rigward tax-xoghol li ghamel l-attur. Dan ix-xoghol beda f'Gunju 1998 u spicca ghan-nofs Dicembru

1998. L-abbli perit tekniku, inkarigat minn din il-Qorti, kkonkkluda li s-somma totali li l-attur kellu jithallas ghax-xoghol biss li ghamel fuq inkarigu tal-konvenuti, tlehhaq l-ammont ta' tmien mija u hdax il-liri maltin u erba centezmi (Lm811.04). Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill din il-Qorti tiskarata jew tvarja l-imsemmija konkluzjonijiet;

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghall-imsemmija somma ta' Lm811.04 bhala ammont dovut mill-konvenuti ghax-xoghol biss li ghamel l-attur fl-imsemmi fond tal-konvenuti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeiciedi fuq it-talbiet attrici billi tilqa l-istess talbiet pero' limitatament ghas-somma ta' tmien mija u hdax il-liri maltin u erba centezmi (Lm811.04) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' Lm811.04 bhala il-prezz tal-appalt ezegwit mill-atturi fuq inkariku tal-konvenuti;

In vista tac-cirkostanzi partikoari tal-kaz l-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------